MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 73/2003/1

Rikors Numru: 73/2003

Dottor Francis Portanier bhala president, Gejtu Cuscieri bhala segretarju u John Mizzi bhala tezorier in rapprezentanza tas- Socjeta' Filarmonika La Vallette.

Vs

Kavallier James G. Gollcher f' ismu propju u bhala mandatarju u ghan- nom u in rapprezentanza tal- assenti Erika Zarb Mackeon, Peter Anne Minter u Mary Anne Galea Naudi u Carol Xuereb, Karl Marius Gollcher, Mark Gollcher, Erika Hili u Domenic Cutajar bhla amministratur ta' Captain O. F. Gollcher Art and Archeoligical Foundation.

Il- Bord,

Ra r- rikors tas- Socjeta' Filarmonika La Vallette.

Illi preliminarjament l- ittra ufficjali tal- intimati mibghuta lill- esponenti, li ma hijiex datata, u li qed tigi hawn unita bhala Dok X hija rritwali u nulla peress li l- esponenti ma hijiex socjeta' jew enti guridika b' personalita' legali u ghalekk ghat- tenur tal- Art. 181 A tal- Kap 12 l- esponenti ghandha tigi liberata mill- osservanza tal- gudizzju bl- ispejjes kontra l- intimati.

Illi minghajr pregudizzju tal- permess l- imsemmija ittra ufficjali hija wkoll irritwali peress li lat tindika, kif tipprovdi l- ligi, id- data tal- iskadenza ta' meta qieghed jintalab l- awment u lanqas ma hemm indikazzjoni tal- kera prezenti.

Illi t- talbiet tal- intimati ghandhom jigu ukoll respinti peress li l- meritu tat- talbiet taghhom huma identici ghal dawk avvanzati fir- rikors fl- ismijiet "Kavalier James G. Gollcher pro et – vs – Socjeta' Filarmonika La Vallette" (Rik Nru: 76/2002) li ghadu pendenti quddiem dan il- Bord.

Illi inoltre fl- istess ittra ma hemmx indikazzjoni ta' min jirraprezenta il "Captain O. F. Gollcher Art. & Archeological Foundation" li ma hijiex persuna guridika.

Illi fil- mertu l- kera prezenti kien gie awmentat fl- 1958 u ghalhekk ma hemmx lok ghal awment.

Illi inoltre jigi rilevat illi l- esponeti, ghalkemm ma kienux obbligati skond il- kuntratt ta' lokazzjoni imsemmi illi jhallsu ghar- riparazzjonijiet straordinarji, fil- fatt sborsaw somma kondierevoli bi ftehim mal- intimati biex esegwew diversi xogholijiet ta' natura straordinarja a beneficcju tal- istess intimati u ghalhekk it- talbiet tal- intimati ghal awment ma humiex gustifikati.

Ghaldaqstant in vista tal- premess it- talbiet tal- intimati ghandhom jigu michuda b' l- ispejjes.

Ra r- risposta tal- Kavallier James G. Gollcher pro et noe et fejn jesponi bir- rispett:-

Illi l- ittra ufficjali in kwistjoni saret skond il- ligi u hija valida;

Illi kemm is- Socjeta Filarmonika La Vallett kif ukoll il-Captain O. F. Gollcher Art & Archeological Foundation huma persuni guridici.

Illi f' kull kaz il- Bord ghandu jistharreg it- talba ghall-awmnet a tenur tal- artiklu 14(2) tal- Kap. 69 tal- ligijiet ta' Malta

Ra l- atti u d- dokumenti tar- rikors u tar- rikors 76/2002.

Ra d- digriet tal- 21 ta' April 2004 li bih gew mahtura periti Teknici l- AIC Frederick Valentino u l- AIC John Sciberras.

Ra r- relazzjoni ta' l- imsemmija periti li ghaliha irremettew ruhom id- difensuri tal- partijiet li minnha jirrizulta li l- kera xierqa ghal lum li ma taqbizx l- erbghin fil- mija (40%) l- kera xierqa li biha seta kien mikri l- fond fl- 1914 ghandu jkun ta' elf u hamsin lira Maltija (Lm 1050).

Jiffissa l- kera xierqa tal- fond / Manchester House, 297, Triq ir- Reppublika, Il- Belt Valletta fl- ammont ta' elf u hamsin lira Maltija (Lm 1050) tithallas kull tlett (3) xhur bil- quddiem l- ewwel skadenza fl- 1 ta' Novembru 2003 xhur bil- quddiem l- ewwel skadenza fl- 1 ta' Novembru 2003 (l- ittra ufficjali giet pprezentata fl- 5 ta' Awissu 2003 – ara art. 14 (2) tal- Kap 69) u bil- kondizzjonijiet l- ohra tal- lokazzjoni korrenti sa fejn applikabbli; spejjez bla taxxa bejn il- partijiet. Il- partijiet jistghu jiehdu lura d-dokumenti minnhom prezentati f' dawn il- proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------